# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Ottubru, 2017**

**Numru 8**

**Rikors Numru 477/17TA**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Fatih Pancar (K.I. numru 64310 (L))**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat tal-Bank attur prezentat fis-26 ta' Mejju, 2017 u mahluf minn Johanna Bartolo ghan-nom u in rappresentanza ta' l-istess Bank, li permezz tieghu talab is-segwenti:-

"1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt, fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall, datat 26 ta' Gunju 2008 (Dok. "A") u skrittura privata datata 23 ta' Mejju 2011 (Dok. "B"), fejn is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Fatih Pancar.

2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta' Fatih Pancar fis-somma ta' sitta u disghin elf, mitejn u disgha u tmenin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€96,289.22), bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Consumer Loan Accounts*" ta' Fatih Pancar mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C4" u Dok. "D1 sa D2"), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-13 ta' Jannar 2017 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dok. "A" u Dok. "B"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Fatih Pancar

   (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura privata (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura privata sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Fatih Pancar li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenut Fatih Pancar gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 22 ta' Dicembru 2015, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok 'E', sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid l-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura privta fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dok "A" u Dok. "B"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Fatih Pancar (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura privata (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura privata sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Fatih Pancar li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici, u

2. Tikundanna lil Fatih Pancar jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitta u disghin elf, mitejn u disgha u tmenin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€96,289.22), bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Consumer Loan Accounts*" ta' Fatih Pancar mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C4" u Dok. "D1 sa D2"), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-13 ta' Jannar 2017 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 22 ta' Dicembru 2015 kontra l-konvenut u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigu prezentati kontestwalment kontra il-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenut prezentata fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru, 2017;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li l-partijiet qablu li l-kawza tithalla ghas-sentenza;

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija, qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

**Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura privata fuq imsemmija, partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Fatih Pancar (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lill-Bank attur kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura privata (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura privata sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi

ta' l-istess Fatih Pancar li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lill-Bank attur;

**Tilqa'** t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Bank attur is-somma ta' sitta u disghin elf, mitejn u disgha u tmenin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€96,289.22), bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Consumer Loan Accounts*" tal-istess konvenut mal-Bank attur flimkien mal-imghax ulterjuri mit-13 ta' Jannar 2017 sad-data tal-effettiv pagament

**Spejjez** tal-kawza a karigu tal-konvenut.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**